**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 65**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**65.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 64**

65.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 64 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 64

**65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku x'tiġi diskussa. — Komunikazzjoni mis-Sindku

**65.4 Pjan ta' Ħidma għal tliet snin**

65.4.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ippreżenta l-Pjan ta' Ħidma 2017 - 2019 fejn ġie diskuss bejn il-Kunsilliera preżenti. — Pjan ta' Ħidma 2017 - 2019

Is-Sindku ppropona li l-Pjan ta' Ħidma jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

** Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7.19 ta' filgħaxija.

**65.5 Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat**

65.5.1 Peress li baqgħu ma tressqu l-ebda nomini taż-żgħażagħ eliġibbli, il-Kunsill qabel li s-suġġett jerġa' jittella' għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss. — Ħatra ta' ambaxxatur/ambaxxatriċi tal-Vot 16 għal-lokalità tar-Rabat

** Il-Kunsillier Ian Vassallo u l-Kunsillier Stephen Borg daħlu għal-laqgħa fis-7.30 ta' filgħaxija.

**65.6 Tweġiba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar pendenzi finanzjarji fuq xogħlijiet ta' *patching***

65.6.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta il-parir mogħti lill-Kunsill mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dwar pendenzi finanzjari fuq xogħlijiet ta' *patching* li saru taħt kuntratt, mill-Kumpanija 'Central Asphalt Ltd'. — Tweġiba mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar

Wara li l-Kunsill innota l-parir mgħoti, fuq proposta tas-Sindku, ssekondat mill-Viċi Sindku Doris Coleiro il-Kunsill qabel unanimament li x-xogħlijiet indikati li jammontaw għal €50,072.80 għandhom jitħallsu. — pendenzi finanzjarji fuq xogħlijiet ta' *patching*

**65.7 Żviluppi dwar l-offerta taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika fi Triq il-Kulleġġ - RLC/T/147/2015**

65.7.1 Il-membri tal-Kunsill għamlu referenza għall-komunikazzjoni mibgħuta lilhom mis-Segretarju Eżekuttiv fl-20 ta' Frar 2017 dwar kif il-kuntrattur Owen Borg abdika mir-responsabbilità tiegħu billi ġie u ħalla ċ-ċwievet tal-latrina pubblika li tagħha kien ġie mogħti servizz kuntrattwali mill-Kunsill. — Żviluppi dwar l-offerta taż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika fi Triq il-Kulleġġ - RLC/T/147/2015

Il-Kunsill innota ittra legali imħejjija mill-avukat tal-Kunsill u unanimament qabel li għandha tiġi mibgħuta lis-Sur Owen Borg.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt RLC/T/147/2015 ikun meqjus bħala abbandunat. Ghaldaqstant fuq proposta tas-Sindku Charles Azzopardi, issekondata mill-Kunsillier Andrew Mallia, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil li f'din is-sejħa minbarra l-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ jiġu inklużi l-latrini pubbliċi kollha fil-lokalità tar-Rabat, apparti dik tal-Baħrija.

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Rudolf Grima talbu li jiġu skużati fit-8.00 ta' filgħaxija.

**65.8 Ħruġ ta' offerta taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija**

65.8.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat. — Ħruġ ta' offerta taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-Baħrija

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet taż-żamma u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-Baħrija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.9 Ħruġ ta' kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' avukat**

65.9.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-kwotazzjoni, kien hemm qbil unanimu li ma ssir l-ebda emenda għad-dokument kif ippreżentat. — Ħruġ ta' kwotazzjoni għall-provvediment ta' servizz ta' avukat

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal servizz ta' avukat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.10 Ċirkulari Numru 7/2017 – Inizjattiva Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018**

65.10.1 Is-Sindku ppreżenta Ċirkulari 7/2017 – Inizjattiva Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018, fejn il-Kunsill innota li waħda mir-rekwiżiti hija li l-post irid ikun aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-KNDP.
Is-Sindku saħaq li l-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija jixtieq ikompli joffri dawn il-korsijiet lir-residenti. Għaldaqstant ippropona li l-Kunsill xorta jitfa' l-applikazzjoni tiegħu għal tliet korsijiet, li huma Litteriżmu Malti (Malti Bażiku), Spanjol (l-ewwel livell) u Ganutell. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ċirkulari Numru 7/2017 – Inizjattiva Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018

## 65.11 Korsijiet tal-kompjuter – *Robotica*

65.11.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0220/17** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għat-tfal, din is-sena bl-isem 'Robotica', għall-prezz ta' €1,150. Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Korsijiet tal-kompjuter – *Robotica*

## 65.12 Petizzjoni għal asfaltar tas-sqaq Tas-Salib

65.12.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0209/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex Sqaq tas-Salib jiġi asfaltat.

Petizzjoni għal asfaltar tas-sqaq Tas-Salib

Wara diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jivverifika jekk dan l-isqaq qatt ġiex asfaltat mill-Gvern Ċentrali, jekk din l-isqaq huwiex sqaq pubbliku u jekk jaqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali Ir-Rabat. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 65.13 Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura

65.13.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0198/17** is-Sindku Charles Azzopardi informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimborż ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq.

Talba għal rimborż minħabba ħsarat fuq vettura

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa.

## 65.14 Talba għal permess ta' attività – *Natalis Notabilis* 2017

65.14.1 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0231/17,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Organizzazzjoni Volontarja *Natalis Notabilis*, sabiex bejn is-7 u t-12 ta' Diċembru itellgħu attività bl-isem ta' *Natalis*

Talba għal permess ta' attività – *Natalis Notabilis* 2017

*Notabilis 2017.*

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-proposta u ġie deċiż li hekk kif l-organizzazzjoni tissottometti r-rapport dettaljat dwar l-attività, tali rapport jittella' għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

**65.15 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (April – Ġunju 2017)**

65.15.1 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn April – Ġunju 2017 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm.

Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (April – Ġunju 2017)

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.16 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 31**

65.16.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduta numru 31 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 31

**65.17 Ħlas tal-miżata tal-*Performing Rights Society* 2017**

65.17.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iħallas il-miżata tal-*Performing Rights Society* għas-sena 2017. Il-ħlas huwa ta' €20. Is-Sindku ppropona li l-miżata titħallas għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħlas tal-miżata tal-*Performing Rights Society* 2017

**65.18 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

65.18.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 267 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 267

**65.19 Mozzjoni Speċjali 0006/17 – 'Mozzjoni biex tinbidel id-deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill 62'**

65.19.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona mozzjoni speċjali numru 0006/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Andrew Mallia.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni Speċjali 0006/17 – 'Mozzjoni biex tinbidel id-deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill 62'

**64.20 Mozzjoni 0007/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' konkos'**

65.20.1 Mozzjoni numru 0007/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti giet irtirata mill-proponent u ssekondant peress li r-riżulta li x-xogħlijiet proposti ma kinux fil-konfini tal-lokalità tar-Rabat.

Mozzjoni 0007/17 – 'Mozzjoni biex isir xogħol ta' konkos'

**65.21 Mozzjoni 0008/17 – 'Mozzjoni biex isiru *pelican lights* minflok *zebra crossing* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Ħal Tartarni, Vjal il-Ħaddiem, Triq Tabja'**

65.21.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 0008/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu.

Mozzjoni 0008/17 – 'Mozzjoni biex isiru *pelican lights* minflok *zebra crossing* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Ħal Tartarni, Vjal il-Ħaddiem, Triq Tabja'

**65.22 Mozzjoni 0009/17 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-reġistru ta' bozoz approvati'**

65.22.1 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona mozzjoni numru 0009/17 li tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi.

Il-mozzjoni għaddiet b'vot unanimu

Mozzjoni 0009/17 – 'Mozzjoni biex jitwaħħlu l-ħames bozoz li jmiss fuq ir-reġistru ta' bozoz approvati'

**65.23 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

65.23.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 25 ta' April 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

65.23.2 Il-laqgħa ntemmet fid-9.10 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ............ ta'.......................... 2017

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

**Charles Azzopardi** **Orietta Cardona**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**